MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Avviz Numru. 1388/2000/1

**Veronique u Charmaine ahwa Amato Gauci**

**vs**

**Marco u Anna konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz npprezentat mill-atturi fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti illi prevja illi jigi ddikjarat illi huma l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti kontra l-atturi meta minghajr il-kunsens ta' l-atturi qalghu kaxxa ta' l-ittri tal-posta li tappartjeni lill-atturi u li kienet qeghda mal-faccata tal-proprjetajiet fejn joqghodu l-konvenuti u l-atturi, li jigu kkundannati jirripristinaw din il-kaxxa fl-istat originali taghha u fl-istess posizzjoni qabel din ma nqalghet u fin-nuqqas li jaghmlu dan fiz-zmien lilhom moghti, li jigu awtorizzati l-atturi jaghmlu dan a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra tas-7 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza l-ammont ma jeccedix hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Marco u Anna konjugi Zammit fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma jissustux l-elementi li tikkompla l-ligi f'kawza ta' spoll.
2. Fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut Marco Zammit ma kkommetta ebda spoll kif allegat mill-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn tablu:

Illi l-konvenuti jridu jipprevalixxu ruhhom minn din in-nota ta' l-eccezzjonijiet sabiex iressqu talba rikonvenzjonali.

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond numru tlieta (3), Saint Andrew's Court, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar;

Illi minghajr ebda jedd, l-atturi wahhlu kaxxa ta' l-ittri tal-posta mal-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti;

Jghidu ghalhekk l-atturi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-atturi m'ghandhom l-ebda jedd li jwahhlu kaxxa ta' l-ittri tal-posta mal-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti;
2. Tawtorizza lill-konvenuti sabiex ghas-spejjez ta' l-atturi jnehhu l-kaxxa ta' l-ittri tal-posta f'kaz li din terga' titqieghed mal-proprjeta' tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-ammont ma jeccedix is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-kaxxa ta' l-ittri tal-posta ta' l-atturi rikonvenzjonati ma kinitx imwahhla fuq il-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti rikonvenzjonanti, izda fuq hajt ta' tarag komuni fejn kien hemm kaxxa tal-posta imwahhla ghal iktar minn ghaxar snin.
2. Illi t-tieni domanda ghandha tigi michuda bl-ispejjez, ghaliex f'kull kaz hija intempestiva.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2003, fejn cahdet it-talba attrici wara li ddecidiet illi kien hemm nuqqas ta' nteress.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fid-19 ta' Mejju, 2004 fejn irrevokat is-sentenza appellata u baghtet lura l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad ghas-smiegh tal-provi, trattazzjoni u eventwali decizjoni dwar il-kwistjoni ta' nteress guridiku fl-atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dak rakkomandat mill-Qorti ta' l-Appell, din il-Qorti regghet fethet l-istadju tas-smiegh tal-provi biex hadet l-affidavit ta' l-atturi dwar l-interess illi kellhom u ghad ghandhom ghar-riprestinar ghall-kaxxa ta' l-ittri fil-fond in kwistjoni.

Fix-xhieda taghhom l-atturi qalu illi baqghu responsabbli ghall-hsarat jew kontijiet illi seta' kien hemm fil-fond minhabba l-okkupazzjoni taghhom, fosthom in-nuqqas ta' facilita' ta' kaxxa ta' l-ittri. Dan in-nuqqas baqghu jhossuh peress illi ghal sentejn baqghu jmorru l-posta biex jigbru l-

ittri taghhom. Komplew jghidu illi kienet responsabbilita' taghhom illi jirrimprezzaw il-kaxxa u ghalhekk kellha ssir il-kawza kontra l-konjugi Zammit.

Minkejja li dawn ta' l-ahhar gew notifikat bl-affidavit ta' l-atturi, ghazlu li ma jwiegbux, ghad illi l-avukat taghhom wiegeb fit-trattazzjon finali, fejn argumenta fost affarijiet ohra li ma kienx hemm skop li din il-kawza tkompli peress illi rrizultat jew is-sodisfazzjoni illi jista' jkollhom l-atturi kien wiehed akademiku biss.

Mill-provi prodotti, dan ma jidhirx illi huwa l-kaz peress illi l-atturi xorta baqghu responsabbli versu s-sid li jipprestinaw dak illi kien hemm meta dahlu fil-fond.

Fil-kawza Mikelangelo Bond vs Carmelo Mangion et, deciza mill-Prim'Awla fis-27 ta' Mejju, 1991 (Vol. XXV part II pagna 386) inghad illi, "fost ir-rekwisiti ta' nteress guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe' dak li Mortara jiddefinixxi bhala 'la utilita' finale della domanda gudiziale sull tema dell asserita esistenza e violazzione di un diritto.' Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utli ghal minn jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jistax jgi uzufrwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."

Ir-responsabbilta' ta' l-atturi versu sid il-fond tirradika l-interess illi ghandhom f'din il-kawza peress illi tista' tipproduci rizultat utli ghalihom dana minkejja li llum m'ghadhom jokkupaw il-fond in kwistjoni. Mill-bqija l-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza gia kkotata minnha u mill-Qorti ta' l-Appell u dana a skans ta' ripetizzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi l-atturi ghandhom interess illi jippromwovu din il-kawza u konsegwentement tiddiferixxi l-kawza sabiex tigi diskussa l-kwistjoni ta' kompetenza kif imqajjma minn din il-Qorti bil-verbal tat-13 ta' Novembru, 2000 (fol. 12) u l-accenn li sar ghal dan il-verbal fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Mejju, 2004.

Stante n-natura partikolari ta' din id-decizjoni, jkun opportun li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------